

# Marija Bambina fil-Poeżija Maltija

mixja letterarja ma' Mario Attard

## DAĦLA

It-tiġrib tas-soċjetà u l-letteratura fil-ġeneri kollha tagħha dejjem irrelataw bejniethom. Nies li għexu t-tiġrib interpretaw bi kliemhom jew b'kitbiethom dak li ġarrbu. Ulied l-imġarrbin kemm-il darba ħassew il-ħtieġa li jmorru lura għal dak li għaddew minnhom missirijiethom. Bis-saħħa ta' hekk, il-valuri marbutin ma' dak it-tiġrib jiġġedded u jissaħħaħ minn ġenerazzjoni għal oħra. L-iktar attività li ġġedded fl-ibliet u fl-irħula tal-gżejjer tagħna għandha natura soċjo-reliġjuża. Dak li tkun ġarrbet il-lokalità fil-mixja soċjali u reliġjuża tagħha jiġġedded b'mod speċjali ta' kull sena fil-perjodu li jdur maċ-ċelebrazzjoni festiva tal-patrun jew patruna tal-lokal.

Il-belt tal-Isla, li kburija twieġeb ukoll għall-isem ta' Senglea b'ġieħ il-Gran Mastru Claude de la Sengle, tħares lura u timtela bil-ferħ meta tiftakar li hija Città Invicta (belt mhijiex mirbuħa). Tagħmel dan għaliex ulied din il-belt flimkien mal-belt tagħhom stess, taw kontribut bla qies biex il-gżejjer tagħna ma jitilfux il-valuri Nsara li Missierna San Pawl għammidhom bihom. Wara dan kollu, kien hemm il-ħarsien ta' Marija Bambina – ħarsien li qatt ma hija sejra ċċaħħad lil min irid jitlobulha.

## MARIJA BAMBINA FIL-MIXJA TAL-ISTORJA

Mill-ġeneri letterarji, għażilt il-poeżija sabiex noħroġ il-qima li l-poeti ta' kull żmien u minn lokalitajiet differenti għandhom lejn Sidtna Marija Bambina u fl-istess waqt jirrikonoxxu s-sehem li l-belt Sengleana tat lil pajjiżna fil-mixja storika tiegħu. Fid-diskors ta' Jum il-Vitorja li Godfrey Zarb Adami kien għamel ġabar flimkien taħt il-ħarsa ta' Mariija Bambina lir-rebħa tal-Assedju l-Kbir, il-kuraġġ li bih waqqfu lin-nies ta' Napuljun meta ngħalqet fost oħrajn fil-Kottonera, il-ħarsien mill-pesta tal-1813 meta Sidtna Marija ħarset lil din il-belt u wliedha s-Sengleani milli jitniġġsu u eqreb lejna nhar il-festa ta' Marija Bambina tal-1943. Dakinhar l-istatwa meqjuma tal-Bambina kienet tinsab iżżur lil beltha u lil niesha – it-tnejn b'qalbhom maqsuma mill-qerda li ġab fuqhom l-għadu. Imma dakinhar merfugħa bħala ħlas għalihom Marija Bambina wasslitilhom l-aħbar li l-Italja kienet ċediet. Din l-aħbar kienet tfisser li l-gżejjer Maltin kollha setgħu jibdew jieħdu n-nifs. Bir-raġun kollu dakinhar Godfrey Zarb Adami kien qal: "Qatt, forsi, daqs dakinhar ma ġelben ma' ħaddejna dmugħ ta' akbar ferħ, qatt forsi ma kantajna b'aktar ħerqa, qatt forsi daqs dak il-mument ma ħarġet aktar imħeġġa l-għanja li biha konna, fi kliem Dun Karm, sellimna għall-ewwel darba liċ-ċkejkna tarbija tagħna meta kienet inkurunata Reġina ta' qalbna; u qatt forsi daqs dak il-waqt ma wrejna fil-beraħ x'naħsbu f'qalbna għal dik it-Tfajla, ħelwa, sabiħa, ħanina u raddejnielha ħajr għax ħabbitna, ħarsitna u rebbħitna."

## L-ASSEDJU L-KBIR

Lil dak id-diskors tal-okkażjoni Zarb Adami serrħu fuq il-poeżija Il-Għanja tar-Rebħa ta' Dun Karm. Fih ikkwota lill-Poeta Nazzjonali jippreżenta lill-Maltin jiġġieldu kontra l-Mislem biex iħarsu l-valuri Nsara. Isemmi l-kontribut li l-Forti San Mikiel ta f'dik it-taqbida flimkien ma' Sant'Anġlu u Sant' Jiermu.



*Mons. Karm Psaila (1871-1961)*



U l-aħħar wieħed li ġo qalbu dieħla
Ħass ix-xafra qattiela u sfar, u miel,
Għajjat ismek, ja Malta, u lil min qatlu
Urieh in-naħa l-oħra 'l San Mikiel;

Dakinhar il-Madonna mhux biss ħarset lil Malta Nisranija imma wkoll lill-Ewropa kollha mit-theddida tal-Mislem.

O ħalli nbusu dak it-trab imqaddes
Magħġun bid-demm ta' qlub li ħabbew sħiħ;
B'demmek, ja Malta, li għal dejjem rifed
Il-jedd ta' Kristu u tal-Ewropa l-ġieħ.

Mal-poeżija li biha saħħaħ parti minn fehmtu Zarb Adami, inżid il-ħsieb li esprima l-istess Dun Karm Psaila fis-sunett petrarkjan **Talba lil Marija Bambina**. Dun Karm irodd il-ħajr lil Marija Bambina li dejjem ħarsitna f'kull mument diffiċli li seffaq wiċċu miegħu l-poplu Malti. L-għeluq ta' dawn l-erbatax-il vers jikkonfermaw il-ħtieġa li l-Bambina tibqa' tħarisna u żżommna mexjin urajha.

Issa l-waqt; la tinsiex, Ommna Marija,
Li dejjem Int ħarist lill-gżejjer tagħna;
Jekk ġradi u mard, jekk theżhiżiet qawwija,
Lilek sejjaħna u dejjem sibniek magħna.

U meta l-Mislem mgħaddab fil-ħruxija
Ħejja miġfna bin-nar u n-nies setgħana,
U ħaxken lil din l-art fix-xogħ'l medhija,
U ħalef bil-Qoran li jrid jiblagħna,

Lilek sejjaħna – tixhdu l-isbaħ Storja –
U int weġibt hekk ħelu li għalina
It-twelid tiegħek sar igħid "Vittorja".

Għalhekk dan issa l-waqt: tinsiex, Madonna;
Kif kont fl-imgħoddi kun illum ħanina,
Jekk trid li nibqgħu tiegħek bħalma konna.

## L-ISLA F'ĦOĠOR MARIJA BAMBINA

Reliġjuż ieħor, il-Ġiżwita Ġużè Delia jerħi lill-Isla u lill-poplu li jgħammar fiha f'idejn dik li jżommuha b'għożża bħala l-patruna tagħhom Dan stqarru pubblikament nhar it-8 ta' Settembru 1970, quddiem Marija Bambina fuq iz-zuntier tal-Bażilika Sengleana.



*Patri Guzeppi Delia SJ (1900-1980)*

Il-qawwa, Marija Bambina,
Lil din l-Isla tagħna li tatna t-twelid.
Din l-Isla li dejjem ħabbejna,
Li dejjem xtaqnielha kull ġid.
Il-bieraħ, fil-gwerra, b'għajnejna mbikkija,
Rajniha gozz, ħerba, mifruxa ma' l-art.
Midruba mill-balal tal-għadu,
Imgħargħa fin-niket u l-hemm
U tħammar maħsula bid-demm
Midruba, mhux mejta,
Għax ħajja rajnieha, mill-ġdid terġa' tqum
Fuq tagħha u sabiħa, kif tidher illum
Bit-toroq u d-djar u l-pjazez miftuħa
B'dat-Tempju glorjuż u qaddis.

Il-festa tat-8 ta' Settembru 1985 kienet taħbat l-elfejn sena mit-twelid ta' Marija. Dakinhar iċ-ċelebrazzjonijiet kienu speċjali. Għal dik l-okkażjoni nħareġ fuljett li nkluda fih Kurunella. Din inkitbet minn Dun Ludoviku Mifsud Tommasi li semmiha **Kuruna ta' Tnax-il Stilla.**

Mifsud Tommasi jiftaħ bi stedina li tissaħħaħ bil-ġakulatorja.



*Mons. Ludovik Mifsud Tommasi (1796-1879)*

Ejja nbierku lil Marija,
U flimkien ejja nsellmulha
Biex fil-hemm tidħol għalina
B'qalbna kollha ingħidulha:

ĠAKULATORJA
O Bambina – kollok glorja,
Bħal Reġina – inberkuk
Biex tgħannina – bil-Vittorja,
Omm ħanina – nitolbuk

Ma naqasx il-poeta saċerdot jinkludi f'din il-kurunella l-grazzji kbar li bihom ħarset lil pajjiżna mit-theddida tal-Mislem fl-Assedju l-Kbir.

L-infidili Misilmin
Minn dil-gżira int keċċejt,
Bit-trijonf minn tal-Vittorja
Int imħabbtek lilna wrejt

Teżoriera minn tal-grazzji
Lilek għamel il-kbir Alla;
Fuq il-ħlejjaq tiegħu kollha
Lilek għolla, Lilek talla'.

Ma setax jonqos dan il-poeta milli joħroġ uħud mill-kwalitajiet singulari li żejjinha bihom is-Sema:

Int il-Warda minn ta' Ġeriko,
Int il-Ġilju tal-widien,
Int il-Palma minn ta' Kades,
L-Ort imdawwar kullimkien.

Int il-Għajn issiġillata,
Int il-Bieb minn tal-Orjent,
Lilek fissru n-Nisa mqaddsa
Tal-imgħoddi Testament

Int maħtura bħala ix-Xemx,
Bħala l-Qamar kollok ġmiel,
Int qawwija bħal Eżerċitu,
Li ebda għadu qatt ma miel.

Din l-aħħar strofa tikkonferma s-saħħa li Alla taha fuq l-għadu tal-Fidi Nisranija. Fl-istess waqt tiġġustifika l-ġieħ li bih il-poplu Senglean iżomm lil Marija Bambina (u magħhom il-Maltin u l-Għawdxin kollha) - il-Madonna tal-Vittorji.

## MARIJA BAMBINA – SULTANA TAL-VITTORJI

Il-poeta Għawdxi Joe M. Attard jiddiskrivi lill-Bambina bħala l-Madonna tal-Vittorji. Għad li l-versi tiegħu huma indirizzati lil Marija Bambina tal-Mellieħa, ma setax ma jsemmix il-ħarsien tagħha fuq gżiritna fix-xhur tal-Assedju l-Kbir meta fit-8 ta' Settembru 1565 issarraf fir-rebħa tad-din Nisrani fuq il-Mislem. Hekk isemmi wkoll li għamlet fit-tieni gwerra dinjija.



*Joe M. Attard (t. 1946)*

Kien fit-8 ta' Settembru
li l-Mislem ħalla xtutna
wara l'għamel ħiltu kollha
sabiex jeqirdilna 'l ruħna!

Maż-żmien tfaċċaw l-Alleati
li tefgħu bombi bi sħiħ;
ħasdu l-ħajja ta' tant ħutna
u żergħu qerda qatigħ.

Tieħu ħsiebna kien hemm dejjem
dil-ħelwa ċkejkna Bambina
li mal-medda tas-snin kollha
mis-Smewwiet baqgħet tħarisna.

Lil dan il-ħarsien kollu u tant ħarsien ieħor li Malta tagħna kienet imħarsa kontinwament bih, Ġużè Muscat Azzopardi jqiegħdu fil-pjan ta' Alla. Il-poeta jagħmel dan fis-sestina li jagħlaq biha l-poeżija **It-8 ta'Settembru:**



*Guze Muscat Azzopardi (1853-1927)*

U 'l fuq, 'il fuq aktar, imdawla
bid-dija ħanina ta' Kristu,
arawha bla sabar imtawla
l-Imbierka Sultana tar-Rebħ!
'il Malta mill-jasar hekk ħlistu,
għaliha ta' Malta kull sebħ.

Bir-raġun li Marija Bambina wara tant ħarsien li permezz tiegħu l-gżejjer tagħna dejjem ħarġu rebbiħin u mxew 'il quddiem, saret sinonima mal-Vitorja. L-istess Ġużè Muscat Azzopardi jiftaħ hekk il-versi l-oħra tiegħu mgħammda **Vittorja**

VITORJA sar dak l-isem
Ta' tfajla wisq irżina,
Ta' qalb li jistħoqqilha
Kull ġid, imħabba u qima.

Dik l-imħabba u l-qima bir-raġun kollu timla l-qalb tal-Maltin u l-Għawdxin kollha bħala ħajr ta' kemm waqfet magħhom. L-istess ħajr il-Maltin irodduh lil Alla li wera li l-ħarsa li kien ta lill-gżejjer tagħna bil-konverżjoni ta' San Pawl ma naqset xejn mill-viżta tagħha.

Mill-ġdid dil-qalb timtela
Bix-xbieha tal-Vitorja:
Tinfexx tgħanni 'l Omm Alla
Il-ħajr, tifħir u glorja.

## IL-QIMA LEJN MARIJA BAMBINA FIL-GŻEJJER MALTIN

Il-preżenza ta' Missierna San Pawl u ta' Marija Bambina jsemmiha Charles Coleiro fil-poeżija tiegħu **L-Isla 1957.** Minn din il-poeżija miktuba minn poeta li f'demmu għandu jiġri demm sinċier lejn art twelidu nisiltu:



*Charles Coleiro (t. 1935)*



Xi ħsieb divin kellu f'moħħu s-Sema
Li man-Nasra li bagħtilna mar-rażul
Jiżra' l-kult Marjan fil-gżejjer tagħna
Biex iżid ikattar it-twemmin fis-Sinjur.

It-twelid ta' Marija, fejn l-iktar referenza bikrija tat-twelid tat-tfajla Lhudija tinsab fil-Protoevanġelju ta' Ġakbu (5) fl-apokrafi, daħal fir-ruħ Maltija li ddawlet u ssebbħet u ħarset lejn Marija kif kull wild iħares lejn il-omm.

Twieldet Marija, u ma' twelidha dehru
Jiddu f'ruħ Malta s-skiet u l-ġmiel tas-sebħ,
Fuq qalbha mħammra bid-demm sħun ta' wliedha
Tnaqqxet dil-ġrajja u dan il-jum ta' rebħ!

It-twelid ta' Marija għandu għeruq fit-tlitt ibliet, jiġifieri fil-Kottonera. Sa mill-qedem ġmielu ġewwa Bormla twaqqfet mill-barklori kappella ġol-blat iddedikata lin-Nattività tal-Madonna u li għadha wieqfa sal-lum. L-isem tal-wesgħa fejn tinsab jixhidha għax hija msemmija għaliha. B'żieda ma' dan, fil-forti Sant'Anġlu nsibu li hemm il-kappella tan-Nattività tal-Madonna. Din kienet twaqqfet mill-familja nobbli De Nava li kienet tgħix f'dan l-forti. Fl-Isla mbagħad insibu mhux kappella imma parroċċa sħiħa taħt il-ħarsien ta' Marija Bambina.

Charles Coleiro ma jonqosx milli jinnota f'**L-Isla 1957** li fl-inħawi tal-Port il-Kbir, l-aktar fil-Kottonera, kien hemm kult ħaj lejn it-twelid tat-tfajla Lhudija:

Is-Sema nqeda bil-kappella tan-Nattività tal-Bambina
Li de Nava qiegħdu b'ħarsien tal-fortizza f'ilsien il-Port il-Kbir
Is-Sema nqeda bil-kappella ġewwa l-blat li s-sajjieda u l-barklori
Fil-wied ta' Port ix-Xwieni għamlu fil-blat u s-Sema b'xhieda
Ħares lill-Madonna tan-Nattività sabiex tixhed in-nisel Marjan

Dan il-kult inżamm ħaj bis-saħħa tal-poplu Senglean li għadu jżomm imħabbtu ħajja lejn Marija Bambina bħala patruna tagħhom. Mhux ta' b'xejn li Patri Ġużè Delia indirizzaha kif ġej:

Berikha, Madonna lil din l-Isla tagħna,
Li Inti b'għamartek għażilt
Li qatt ma tintefa ġo fina
L-imħabba li dejjem ġarrabna għalik
U l-Fidi writna minn Pawlu Missierna,
Il-Fidi qaddisa fi Kristu u fik,
U agħmel Marija, li l-Isla
Kif kienet fl-imgħoddi hekk tibqa' għal li ġej,
Il-ġawhra sabiħa li tiddi fuq rasek
Tal-Knisja ta' Kristu l-Feddej.

## IL-QIMA LEJN MARIJA BAMBINA FL-AWSTRALJA

Minbarra l-fatt li, flimkiem mal-Isla, fil-gżejjer tagħna nsibu tliet lokalitajiet oħra li jżommu lill-Bambina bit-titular tagħhom – in-Naxxar u l-Mellieħa f'Malta u x-Xagħra f'Għawdex , lil Marija Bambina nsibuha wkoll fl-Awstralja. Jikkonferma dan Frank Zammit, poeta Malti-Awstraljan fil-poeżija tiegħu **L-Ave tal-Vitorja fil-Ġublew tal-Fidda - Greystanes 1965 – 1900** biex jitfakkru l-ħamsa u għoxrin sena mill-preżenza ta' Marija Bambina fil-lokalità ta' Greystanes, qrib Sydney.



*Frank Zammit (t. 1944)*

Ġibniek magħna hawn l-Awstralja,
għax mingħajrek ma ngħaddux;
ridniek magħna, għax ħlief lilek
bħala Ommna ma nqisux.

Ilna żmien nagħmlulek festa
f'dil-parroċċa b'titlu għalik.
Għaddew ħafna snin minn fuqna
u f'kull waħda fraħna bik.

Hawn fi Greystanes, qrib ta' Sydney,
sew fil-qalba tal-Maltin,
ġibna x-xbieha tiegħek ħelwa
biex ngħożżuha tul is-snin,

## L-INKURUNAZZJONI

Kien l-4 ta' Settembru 1921 meta l-istatwa meqjuma ta' Marija Bambina kienet inkurunata. Kif din il-kitba dejjem rabtet lil Marija Bambina ma' esperjenzi ta' importanza nazzjonali, anki hawn nosservaw rabta ma' dak li ġara f'pajjiżna fis-sena tal-inkurunazzjoni. Fil-fatt, fl-1921 il-poplu Malti ngħata l-kostituzzjoni li kienet tagħtih id-dritt li jkollu l-ewwel sura ta' parlament b'Joseph Howard ikun l-ewwel Prim Ministru. Kinetx kumbinazzjonu jew le, jibqa' l-fatt li Marija Bambina kienet inkurunata fil-perjodu li fih pajjiżna medd ewwel pass li kellu jwassal għal kisbiet nazzjonali kbar.

L-inkurunazzjoni ta' Marija Bambina hija reġistrata minn Dun Karm Psaila bil-poeżija tiegħu **Lil Marija Bambina fil-Jum tal-Inkurunazzjoni Tagħha.** Minn dawn il-versi nisiltu l-aħħar żewġ kwartini.

Issa ntemmet ix-xewqa ta' qalbna,
Bil-kuruna fuq rasek rajnik;
Inti ħelwa, Int sabiħa, Int ħanina:
Għalhekk b'ommna, Int taf, għażilnik.

Issa ntemmet ix-xewqa ta' qalbna,
Bil-kuruna fuq rasek rajnik;
Minn kull ħażen li jisraq il-paċi,
J'omm, ħarisna; hekk dejjem tlabnik.

## GĦELUQ

Kulma nkiteb hawn fuq, kulma kitbu l-poeti u l-istoriċi, kollox juri li Marija Bambina dejjem kienet għamara ta' utlità bla qies fil-pjan divin. Jgħaddi kemm jgħaddi żmien, xejn ma huwa sejjer inaqqas minn dan l-irwol tagħha, għax Marija, Marija Bambina, Sultana u rebbieħa, hija l-pont bejn il-bniedem u s-Sema. Għalhekk, it-tiġdid tal-qima nisranija li għaddewlna missirijietna u l-ġrajjiet li għaddew minnhom ħaqqhom ikunu mġedda ħa tissaħħaħ imħabbitna lejn Ommna tas-Sema. B'dan il-ħsieb f'moħħi nagħlaq bl-istrofa tal-għeluq mill-poeżija **Lil Marija Bambina – Il-Madonna tal-Vitorja** miktuba minn Mario Attard.

U l-ġrajja għallmitna li s-Sema rabtek magħna -
Ġie l-Mislem ħa joħdilna l-valuri Nsara
ġiet il-pesta u sabet swar beltna minnek imħarsa
ġie l-għadu jibbumbardjana u qered sa djar u iġsma
iżda le lill-emmna mkebbsa bl-imħabba tagħna
lejk Bambina, li sarrfet kull ġrajja f'rebħa b'risq artna
li żammitek sena wara sena bil-Madonna tal-Vitorja.



*Mario Attard (t. 1952)*